# Idejn l-Imħallef

Maria Grech Ganado

bħal żewġ għasafar imbegħdin idejh
subgħajh bħal rixhom jiżfnu fl-arja

xħin jogħla u jinżel idejn wieħed minnhom
jogħla u jinżel l-ieħor dritt warajh –
sakemm sa fl-aħħar, f'daqqa, tarahom jinqalbu
t-tnejn madwar xulxin

u jinżlu f'salt, bl-istess ritmu li jmexxi
l-għasafar kollha –
          waslet is-siegħa
tal-mistrieħ u b'rixhom twil jitgħannaq
jintelqu magħqudin ...

leħnu sod, serju, jiżen kull kelma – ma jistax
iżda, joħnoq liż-żiffa moħbija wara għajnejh –
ma nafx sew x'kien qed jgħid qabel ma siket
moħħi ma tarx f'xufftejh

lanqas ifittex xtaq mnejn ġejja ż-żiffa
bħal żewġ għasafar jgħannu kienu jdejh